MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 260/2005

**A.**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fis-27 ta' Awissu 1989 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fil-Knisja tal-Kuncizzjoni Bormla, c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument AS 1:

Illi minn dan iz-zwieg twieled X fl-10 ta' Ottubru 1992:

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-konvenuta jew minn minnhom kien ivvizzjat b'difett serju dwar il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha:

Illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq dwar il-kwalita tal-konvenuta li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk l-attur qieghed jipprezenta din il-kawza sabiex titlob li dan iz-zwieg iccelebrat fil-27 ta' Awissu 1989 jigi ddikkjarat null u minghajr effett ai termini ta' l-Artiklu 19 (1) (c), (d), u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fit-27 ta' Awissu 1989 u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (c), (d), u (f) tal-Kapitlu 255 kif sussegwentement emendata.

Bl-ispejjez, filwaqt li l-konvenuta hija minn issa ingunata ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta ma ppresentatx nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attur u ta' Y.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-27 ta’ Awwisu, 1989 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (c), (d), u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta ma ressqetx provi u baqghet kontumaci u ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha biss il-provi mressqa mill-attur, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhek il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi porti ikun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-attur jidher li huwa qed jirrikonoxxi illi zzewgu zghar wisq wara li damu sena gharajjes u jghid li l-konvenuta ma kinitx tkun trid illi jkollhom intimatajiet bejniethom. Jghid li martu kienet tonfoq kollox u ma kinitx kapaci zzomm il-bilanc finanzjarju tal-familja. Kif twieled it-tifel iktar irtirat ghand ommha u fl-ahhar xebgha d-dar u baqghu jghixu separati. Fil verita’ il-Qorti thoss li r-raguni principali ghaliex iz-zwieg ghandu jkun dikjarat null hija li l-konvenuta ma deherx li kellha ntenzjoni toqghod ma’ zewgha u wara z-zwieg baqghet xorta tabita iktar ma’ ommha milli mieghu. Dan hu kkonfermat mid-deposizzjoni ta’ Y, li jigi missier l-attur. Ir-ragunijiet l-ohra li semma l-attur bhal per ezempju li l-konvenuta qabdet ma’ xi hadd iehor ma huma rilevanti xejn ghal din il-kawza. Biss il-Qorti thoss li l-konvenuta qatt ma kellha ntenzjoni tghix hajja ta’ mizzewga. Ghalhekk iz-zwieg hu null a bazi tas-sub-artikolu (f) fuq imsemmi.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-27 ta’ Awwissu, 1989. L-ispejjes jithallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------